# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 581/2024/1**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs.**

**Vasile Brudaru**

Illum 28 ta' Novembru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Vasile Brudaru**, detentur tal-Karta tal-Identita' Rumena bin-Numru 577423 (1960726170074), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli b'diversi atti magħmulin minnu wkoll fi ġranet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u jkunu ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda:

1. nhar id-disgħa (9) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għal ħabta ta' bejn is-sagħtejn (14:00) ta' wara nofsinhar u l-erbgħa (16:00) ta' wara nofsinhar ġewwa Steak House

Fluid Bar and Restaurant, San Ġiljan, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin, ikkommetta serq ta' oġġetti u/jew flus liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan sar għad-dannu ta' Zoltan Gulyas u/jew persuna u/jew persuni oħra;

2. nhar l-għaxra (10) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għal ħabta ta' bejn it-tmienja (20:00) ta' filgħaxija u l-għaxra (22:00) ta' filgħaxija ġewwa Shawns, Triq Santu Wistin, San Ġiljan u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin, ikkommetta serq ta' oġġetti u/jew flus, liema serq huwa ikkwalifikat bil-ħin u bil-valur li ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan sar għad-dannu ta' Donatello Papile u/jew persuna u/jew persuni oħra;

3. nhar it-tnax (12) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għal ħabta ta' bejn il-ħamsa (5:00) ta' filgħodu u s-sebgħa (7:00) ta' filgħodu ġewwa l-McDonalds, Bay Street, San Ġiljan, u/jew fi bnadi oħra fil-Gżejjer Maltin, ikkommetta serq ta' oġġetti u/jew flus, liema serq huwa ikkwalifikat bil-ħin u bil-valur li ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan sar għad-dannu ta' Nikita Scicluna u/jew persuna u/jew persuni oħra;

4. nhar l-erbatax (14) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għal ħabta tal-ħdax (11:00) ta' filgħodu u s-siegħa (13:00) ta' wara nofsinhar ġewwa McDonalds, Baystreet, San Ġiljan, u/jew fi bnadi oħra fil-Gżejjer Maltin, ikkommetta serq ta' oġġetti u/jew flus, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan sar għad-dannu ta' Angela Silvestre u/jew persuna u/jew persuni oħra;

5. nhar it-tmintax (18) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għal ħabta ta' bejn il-ħdax u nofs (11:30) ta' filgħodu u s-siegħa (13:00) ta' wara nofsinhar ġewwa McDonalds tax-xatt tas-Sliema, u/jew fi bnadi oħra fil-Gżejjer Maltin, ikkommetta serq ta' oġġetti u/jew flus, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan sar għad-dannu ta' Stephanie Attard u/jew Ellayah Duca u/jew persuna u/jew persuni oħra;

6. nhar it-tmintax (18) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għal ħabta ta' bejn il-ħdax u nofs (11:30) ta' filgħodu u s-sagħtejn (14:00) ta' wara nofsinhar ġewwa Busybee, ix-xatt tas-Sliema, u/jew fi bnadi oħra fil-Gżejjer Maltin, ikkommetta serq ta' oġġetti u/jew flus, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan sar għad-dannu ta' Anna Catherine Monteith u/jew persuna u/jew persuni oħra;

7. nhar l-għoxrin (20) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għal ħabta ta' bejn l-għaxra (10:00) ta' filgħodu u nofsinhar (12:00) ġewwa Luke Kebab, Triq il-Wilġa, San Ġiljan u/jew fi bnadi oħra fil-Gżejjer Maltin, ikkommetta serq ta' oġġetti u/jew flus, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan sar għad-dannu ta' Yeidis Isabel Barrios Berdugo u/jew persuna u/jew persuni oħra;

8. nhar l-għoxrin (20) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għal ħabta ta' bejn il-kwarta (00:15) ta' filgħodu u s-siegħa u nofs (1:30) ta' filgħodu ġewwa Hugo's Burger Bar, Triq Santu Wistin, San Ġiljan u/jew fi bnadi oħra fil-Gżejjer Maltin, ikkommetta serq ta' oġġetti u/jew flus, liema serq huwa ikkwalifikat bil-ħin u bil-valur li ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin

ċenteżmu (€2,329.37) u dan sar għad-dannu ta' Aws Aaaa Al Awadi u/jew persuna u/jew persuni oħra;

9. nhar l-għoxrin (20) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għal ħabta ta' bejn in-nofs siegħa (00:30) ta' filgħodu u s-sagħtejn (2:00) ta' filgħodu ġewwa My Way, Triq il-Wilġa, San Ġiljan, u/jew fi bnadi oħra fil-Gżejjer Maltin, ikkommetta serq ta' oġġetti u/jew flus, liema serq huwa ikkwalifikat bil-ħin u bil-valur li ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan sar għad-dannu ta' Luca Fico u/jew persuna u/jew persuni oħra;

10. nhar l-għoxrin (20) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għal ħabta ta' bejn is-siegħa (1:00) ta' filgħodu u t-tlieta (3:00) ta' filgħodu ġewwa Shadows Club, Triq San Ġorġ, San Ġiljan u/jew fi bnadi oħra fil-Gżejjer Maltin, ikkommetta serq ta' oġġetti u/jew flus, liema serq huwa ikkwalifikat bil-ħin u bil-valur li ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan sar għad-dannu ta' Francesca Abela u/jew persuna u/jew persuni oħra.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta` ħtija għar-reati kollha jew uħud minnhom, minbarra li tinfliġġi l-piena skont il-liġi, tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet ta' Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f'każ ta' ħtija għar-reati kollha jew uħud minnhom, minbarra li tinfliġġi l-piena skont il-liġi, tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u/jew ta' kull artikolu ieħor tal-liġi li jista' jiżgura kumpens u/jew restituzzjoni

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-2 ta' Settembru 2024, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 18, 261, 267, 270, 279(a) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet

kollha dedotti kontrih u kkundannatu tliet (3) snin priġunerija li minnhom kellu jitnaqqas dak ġia skontati taħt arrest preventiv. Wara li rat Artikoli 15A(1) u 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-imputat iħallas is-somma individwali lil kull persuna msemmi f'Dok. "MC 1"[1] l-ammonti ndikati fl-aħħar kolonna bħala kumpens ta' l-oġġetti u l-flus kollha misruqa fiż-żmien massimu skont il-liġi wara li jiskonta l-piena ta' priġunerija b'dan illi dan l-Ordni kellu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Il-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li kellhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skont Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dana wara li qieset li ma kienux ġew mahtura esperti f'dan il-każ. *Ai termini* ta' Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat li l-atti kollha ta' dawn il-proċeduri u kopja tas-sentenza jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien mogħti mil-liġi.

Rat ir-Rikors tal-appellant ppreżentat fit-18 ta' Settembru 2024 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tgħaddi sabiex TIRRIFORMA s-sentenza appellata u dan billi filwaqt li TIKKONFERMAHA fil-parti tas-sentenza fejn fuq ammissjoni sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu, TIRRIFORMA s-sentenza appellata fil-parti tal-piena nflitta u dana billi minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fl-24 ta' Ottubru 2024.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

[1] "Folio 52 [**<u>recte</u>**: 54] ta' l-atti proċesswali."

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-2 ta' Settembru 2024.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li l-appellant allura imputat tressaq taħt arrest quddiem l-Ewwel Qorti fit-23 ta' Lulju 2024 fejn huwa ġie akkużat bir-reat kontinwat *ai termini* ta' Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u bl-għaxar imputazzjonijiet imsemmija aktar 'il fuq f'din is-sentenza. L-imputazzjonijiet jirrigwardaw numru ta' serqiet f'numru ta' ġranet, liema serqiet kienu kollha kemm huma aggravati bi kwalifika waħda jew tnejn.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta s-segwenti:

- Mill-verbal tas-seduta miżmuma fit-23 ta' Lulju 2024 (*a fol.* 5 *et seq.*) quddiem l-Ewwel Qorti, *ossia* fl-ewwel seduta li l-appellant allura imputat tressaq quddiem l-Ewwel Qorti, jirriżulta li l-appellant irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet konfermata wara li ngħata ħin suffiċjenti sabiex jerġa' jaħsibha u jirtira tali ammissjoni.

- Dakinhar tat-23 ta' Lulju 2024 il-kawża ġiet mħollija għat-22 ta' Awwissu 2024 u dana wara li ġie verbalizzat is-segwenti (*a fol.* 6):

  > "Il-partijiet jitolbu differiment sabiex isir eżerċizzju dwar il-piena applikabbli għal dawn ir-reati, jaraw ukoll jekk l-imputat hux lest li jagħti informazzjoni dwar terzi li setgħu kienu nvoluti f'dan il-każ, jaraw jekk jistgħux jiġu misjuba l-oġġetti misruqa u jaraw kemm għandu jkun l-ammont ta' kumpens dovut lill-vittmi kollha."

- Mill-verbal tas-seduta miżmuma fit-22 ta' Awwissu 2024 (*a fol.* 52 *et seq.*) quddiem l-Ewwel Qorti jirriżulta li l-appellant allura imputat reġa' irreġistra ammissjoni għall-

imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu u huwa reġa' ikkonferma tali ammissjoni wara li ngħata ħin suffiċjenti sabiex jerġa' jaħsibha u jirtira tali ammissjoni b'dan illi dakinhar tat-22 ta' Awwissu 2024 il-kawża tħalliet biex tingħata sentenza fit-2 ta' Settembru 2024.

- Fit-2 ta' Settembru 2024 (*a fol.* 57) ingħatat is-sentenza appellata.

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dak imressaq mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant iressaq aggravju wieħed, liema aggravju jirrigwarda l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu. Huwa jisħaq li l-piena mogħtija lilu mill-Ewwel Qorti hija waħda eċċessiva. Jargumenta li piena ma għandha qatt isservi sabiex titpatta l-ħsara li tkun iġġarbet mill-vittma – jew mill-familjari tagħha – kawża tas-sinistru. Huwa jagħmel riferenza għal numru ta' sentenzi mogħtija mill-Qrati tagħna u jagħmel riferenza wkoll għal dak li huwa l-iskop tal-piena. Jagħmel riferenza għall-aspett retributtiv, għall-aspett preventiv u għall-aspett ri-edukattiv jew rijabilitattiv tal-piena. L-appellant jisħaq li huwa rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu fi stadju l-aktar bikri tal-proċeduri ossia meta tressaq b'arrest quddiem l-Ewwel Qorti u dana wara li kien diġa' ammetta waqt l-istqarrija rilaxxata lill-Pulizija. Jargumenta li għandu fedina penali netta. Jisħaq li in vista tal-ġurisprudenza minnu ċitata fir-Rikors tal-appell tiegħu, il-piena imposta mill-Ewwel Qorti għandha tiġi varjata sabiex tirrifletti r-realta' li huwa jinsab fiha u li għalhekk skont hu piena ta' priġunerija effettiva mhijiex idonea u li, fi kwalunkwe każ, piena ta' tliet (3) snin priġunerija effettiva hija waħda eċċessiva. Jitlob li jingħata piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Illi dwar l-uniku aggravju mressaq mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu, din il-Qorti tibda billi tinnota li huwa stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza nostrana illi bħala regola qorti ta' revizjoni ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*". Dan ingħad, fost l-oħrajn, fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-25 ta' Awwissu 2005 fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum et** (Numru 9/2004).

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awwissu 2005:
>
>> *It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. [...]*
>
> 11. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u

preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar 'il fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' Appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċement għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma' pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita' tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita' jew eċċessivita' manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. [...]"

Illi filwaqt li huwa minnu li l-appellant allura imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu ma' l-ewwel opportunita' li kellu quddiem l-Ewwel Qorti u huwa minnu wkoll li l-fedina penali tiegħu hija waħda kompletament nadifa pero' din il-Qorti ma tridx tinsa li hawn si tratta ta' numru ta' serqiet differenti, liema serqiet kienu kkwalifikati jew bi kwalifika waħda jew bi tnejn. Ma jridx jintnesa wkoll li l-

appellant allura imputat ġie akkużat bir-reat kontinwat *ai termini* ta' Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li *del resto* tiegħu nstab ħati wkoll, b'dan illi dan l-Artikolu jistabbilixxi s-segwenti:

> "Meta d-diversi atti magħmulin mill-ħati, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat, iżda l-piena tista' tiżdied minn grad sa żewġ gradi." [emfażi miżjuda]

Illi b'hekk ifisser li l-piena fil-konfront tal-appellant allura imputat setgħet tiżdied minn grad sa żewġ gradi.

Illi fis-sottomissjonijiet bil-fomm, il-konsulent legali tal-appellant għamlet riferenza għal Artikolu 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra hekk:

> "Il-ħati ta' serq ikkwalifikat bil-"valur" biss, jeħel –
>
> (a) jekk il-valur tal-ħaġa misruqa ma jkunx iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), il-piena ta' priġunerija għal żmien minn ħames xhur sa tliet snin;
>
> […]."

Illi, kif diġa' ngħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza, hemm imputazzjonijiet li l-appellant allura imputat instab ħati tagħhom li huma kwalifikati mhux biss bil-valur pero' bil-ħin ukoll u b'hekk għandu japplika Artikolu 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> "Meta s-serq ikkwalifikat bil-"valur" ikun akkumpanjat b'waħda jew iżjed mill-kwalifiki l-oħra, iżda mhux b'dik tal-"vjolenza" jew tal-"mezz", il-ħati jeħel, skont il-każ, il-pieni msemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, iżda dawn ma jingħatawx fil-*minimum* tagħhom."

Illi kieku għall-grazzja tal-argument, u għall-grazzja tal-argument biss, kellu jittieħed in konsiderazzjoni Artikolu 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'żieda ta' żewġ gradi hekk kif jipprovdi Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jfisser li l-piena massima tkun dik ta' ħames snin priġunerija.

Illi, in segwitu ta' dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti ma tantx għandha aktar xi tgħid dwar l-aggravju mressaq mill-appellant għajr li l-piena hekk kif erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu taqa' sewwasew fil-parametri tal-piena għall-imputazzjonijiet li tagħhom huwa nstab ħati. Il-Qorti żżid billi tgħid li l-piena mposta mill-Ewwel Qorti fuq l-appellant kienet waħda legalment u raġonevolment valida, mhux "*manifestly excessive*" u tirrispekja l-imputazzjonijiet li tagħhom huwa nstab ħati.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li ma tezisti l-ebda raġuni li tista' twassalha sabiex titbiegħed mid-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti fil-kalibrazzjoni tal-piena minnha magħmula u ma tressqet l-ebda raġuni li b'xi mod jew ieħor setgħet twassalha sabiex tapplika fil-konfront tal-appellant allura imputat xi dispożizzjoni *ai termini* ta' Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta jew addirittura Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant, il-piena erogata fil-konfront tal-appellant allura imputat mill-Ewwel Qorti għandha tibqa' invarjata u b'hekk l-uniku aggravju mressaq mill-appellant qed jiġi miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Vasile Brudaru u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi kwalunkwe terminu imsemmi fid-*decide* tas-sentenza appellata jibda jgħaddi mil-lum.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr. Neville Camilleri** | **Alexia Attard** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |